MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 65/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Luke Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Luke Sciberras talli:

Fit-8 ta' Awissu 2004 u matul l-ahhar xahrejn qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

Ikkonsenja medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) lil xi persuna ohra li ma kinitx spizjar diligenti [***recte:*** dirigenti]

jew li ma kinitx xort'ohra awtorizzata bil-mod xieraq biex ikollha fil-pussess taghha dik il-medicina;

Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fit-8 ta' Awissu 2004 u matul l-ahhar sentejn qabel din id-data:

Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Kif ukoll talli kellu fil-pusess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemmi Luke Sciberras ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Frar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(f), 17(h), 18 u 31 tal-Kap. 9, ir-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22 ta' l-1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii), 120a(1B), 120A(2B), it-Tielet Skeda Taqsima A tal-Kap. 31, kif ukoll l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kap. 101 (rez applikabbli bl-artikolu 120A(2B) tal-Kap. 101) sabet lill-imsemmi Luke Sciberras hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal ghaxar (10) xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u sebghin liri Maltin (Lm270) li tista' tithallas b'rati ta' tletin liri Maltin (Lm30) fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn erba' gimghat mid-data tas-sentenza appellata u fin-nuqqas ta' hlas ta' xi pagament il-bilanc ikun dovut f'daqqa u b'dan li jekk xi parti mill-multa ma tithallasx din tinbidel f'jum habs [***recte:*** prigunerija] ghal kull hames liri Maltin (Lm5) mhux imhallsin. Ikkundannatu wkoll ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas is-somma ta' Lm179.66, hlas li sar lill-espert tal-Qorti, fi zmien xahar mid-data tas-sentenza appellata. Inoltre ordnat il-konfiska tas-somma

ta’ mitt liri Maltin (Lm100) minn dawk issekwestrati mill-Pulizija u ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Luke Sciberrasipprezentat fl-20 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha kwantu sabet htija ta’ l-imputazzjonijiet dedotti, tbiddel il-perijodu ta’ piena karcerarja inflitta ghal wiehed anqas bhala zmien jew xi piena ohra anqas li dina l-Qorti jidhrilha aktar xierqa ghall-kaz skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda tat-Tabib Dr. George Grech, ta’ Josette Camilleri, u ta’ Josephine Sciberras;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. L-appellant jaccetta li l-piena hija fil-parametri tal-ligi izda jitlob il-klemenza ta’ din il-Qorti minhabba cirkostanzi specjali li gew ippruvati waqt dan il-kaz u li setghu ma nghatawx piz adegwat fl-ghoti tal-piena nflitta. Jirreferi ghal dak li xehdu l-genituri tieghu dwar kif ghal zmien relattivament qasir huwa kien mar *“astray”*, izda wara l-isforzi kbar li ghamlu issa hemm trasformazzjoni kompleta fih – rega’ beda jistudja u qed jahdem fil-*catering* li hija l-professjoni li qed jistudja ghaliha. Jirreferi ghax-xiehda tas-*social worker* Josette Camilleri li qalet li fl-appellant illum is-socjeta` ghandha cittadin rinnovat u lest li jaghti sehmu biex jghix fil-harsien tal-ligi. Fl-ahharnett l-appellant jirreferi ghax-xiehda ta’ l-ufficjal prosekutur li stqarr li minhabba l-ghajnuna li sab mill-appellant kien qieghed jirrakkomanda tnaqqis fil-piena fil-massimu possibli skond l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-appellant jissottometti li, tenut dan kollu, aktar ma jdum inkarcerat aktar tista’ qed issir hsara lis-socjeta`. Qabel dan il-kaz kellu fedina penali netta. Nies ta’ madwaru

iddedikaw hin twil sabiex jassiguraw li huwa jerga’ ghat-triq it-tajba u huwa ghamel il-parti kbira tieghu wkoll. Bi prigunerija ghal perijodu ta’ ghaxar xhur is-socjeta` ma hi se tirbah xejn ghax ir-riforma ta’ l-appellant hija diga` shiha u kull messagg ta’ deterrent f’dan il-kaz hija sufficjenti b’piena anqas.

Issa, mix-xiehda li semghet din il-Qorti jirrizulta s-segwenti:

Skond it-Tabib **Dr. George Grech**, l-appellant ma kellux problema ta’ dipendenza mid-droga izda kien qieghed imiss certi affarijiet u l-genituri tieghu kienu inkwetati minhabba l-*behaviour* tieghu. Ix-xhud qal li kellem lill-appellant xi drabi u baqghu jiffolowjawh u *“nahseb tghallem lezzjoni kbira fis-sens illi dan, huwa stess irrejalizza li ma setax jibqa’ jabbuza minn dawn l-affarijiet.”* Imbaghad baqa’ ghaddej bl-istudji tieghu u jahdem.

**Josette Camilleri** xehdet illi hija segwiet lill-appellant minn meta nqabad mill-Pulizija. Mar ghall-ghajnuna, baqa’ jmur ghall-*counselling*, irrejalizza bl-izball li ghamel, tghallem, *“he paid the price for what he did”*. Qalet li beda jmur lura ghall-hajja *straight*. Gieli ccekjawlu l-urina u ma baqa’ jmiss xejn droga. Hajjruh ikompli jistudja u kompla l-ITS, lesta l-kors u issa se jibdhol l-*intermediate course*. Skond ix-xhud l-appellant qed jahdem kwazi wisq, fis-sens li kull opportunita` li jsib ghax-xoghol jidhol. Bhala *counsellors* tad-*drug addiction* l-appellant ma ghandux ghalfejn jibqa’ jmur ghall-*counselling* peress illi *“he is on the right track”*.

**Josephine Sciberras**, omm l-appellant, xehdet li hija psikoterapista u ghamlet disa’ snin tahdem fil-volontarjat fil-Moviment ta’ CANA. Kienet indunat b’tibdil fl-imgieba tieghu u hi u missieru kellmuh kemm-il darba. Il-hbieb li kien jaghmilha maghhom pero` ma kinux jghinuh u kien jerga’ jaqa’ sakemm gara li gara. Skond ix-xhud, l-appellant gie uzat, kien *naïve*, u issa qed ibati l-konsegwenzi. Meta nqabad ixxokkja ruhu, dahhal f’mohhu li jrid ibiddel it-triq tieghu, sab impjieg u fejn qieghed jahdem illum, min jimpjegah kuntenti hafna bih. Qalet li l-

battalja rebhuha ghax binha gie lura ghal dak li kien qabel. Stqarret li tifhem li jrid ibati l-konsegwenzi izda llum qieghed *“on the right track”*.

M’hemm l-ebda dubju li dawn il-fatturi rrizultaw ukoll mill-provi li semghet l-ewwel Qorti. Difatti hija qalet li kienet qed tikkonsidra **“li l-imputat ghandu fedina nadifa, li ghamel progress kbir minn meta twettqu r-reati sa llum kif ukoll li huwa ghandu jgawdi mill-artikolu 29 tal-Kap. 101”**. Izda din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet, fil-kalibrar tal-piena, tqis ukoll il-fatt illi l-appellant – bhala parti integrali tar-riforma li hadem ghaliha – jaccetta li jrid iwiegeb ghall-hazin li ghamel lis-socjeta` permezz ta’ piena adegwata. Barra minn hekk mhuwiex car jekk l-ewwel Qorti, meta giet biex tapplika l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, naqqsitx il-piena bi grad jew b’zewg gradi, u dan huwa kaz fejn ghandu jsir tnaqqis b’zewg gradi. Konsegwentement l-appell jimmerita li jigi milqugh fis-sens li ghandu jkun hemm temperament fil-perijodu ta’ prigunerija nflitta mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta’ ghaxar xhur u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sitt xhur filwaqt illi tikkonfermaha fil-bqija. Barra minn hekk tikkonferma r-rakkomandazzjoni ta’ l-ewwel Qorti fis-sens li l-appellant jintbaghat f’programm residenzjali mill-ewwel u, fin-nuqqas, jekk jinzamm fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin allura jinzamm fil-YOURS.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------